## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Edwina Grima

Appell Nru. 309/15

Seduta tat-3 ta' Mejju 2019

**Il-Pulizija**

**vs**

**Duminku Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Duminku Cassar, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 119663(M) akkużat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar il-25 ta' Ottubru 2014 għall-ħabta tal-17.30 hrs ġewwa Triq il-Biżantini, Qrendi:

1) Volontarjament ħassar, għamel ħsara meta irriversja fuq il-vettura Volkswagen Golf numru tar-Reġ KBE 774 għad-dannu ta' Maria Briffa liema ħsara il-valur tagħha ma jaċċediex il- 250 Euro.

2) Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok u ħin, inġurja, hedded b'mod mhux imsemmija band'oħra f'dan il-kodiċi jew jekk ipprovoka, nġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni lil Maria Briffa u Mario Scicluna;

3) B'xi mod ieħor mhux imsemmi banda oħra f'dan il-kodiċi, kiser volontarjament il-bon-ordni jew kwiet pubbliku.

F'każ ta' ħtija il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi għas-sigurta' ta' Maria Briffa u Mario Scicluna għat-termini ta' l-artiklu 383, et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tad-29 ta' Mejju, 2015 fejn il-Qorti sabet l-imputat Duminku Cassar ħati biss tal-ewwel (1) akkuża u lliberat lill-appellant mit-tieni (2) u mit-tielet (3) akkużi billi ma ġewx ippruvati.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Duminku Cassar, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Ġunju, 2015 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. Tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti tagħha fejn sabet lill-appellant ħati tal- ewwel (1) imputazzjoni u tgħaddi biex tilliberah minn kull iputazzjoni, ħtija u piena; u

2. Tikkonfermaha f'dik il-parti tagħha fejn sabet lill-appellant mhux ħati tat-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni;

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju imqanqal mill-appellant idur madwar l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi u dan meta sabitu hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu. Jikkontendi l-appellant illi l-parti leza u/jew ix-xhieda imressqa mill-Prosekuzzjoni ma jikkonfermawx id-data meta sehh l-allegat reat, kif lanqas ingiebet prova dwar il-hsarat sofferti fil-vettura tal-parti leza. Dan apparti li jikkontesta l-versomilijanza tax-xiehda moghtija mill-istess Maria Briffa u Mario Scicluna li fil-fehma tal-appellant ma humiex xhieda kredibbli.

Illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni

li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha.[1].

In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti. Dan ukoll ġie kkonfermat minn ġurisprudenza nostrana kopjuża fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat[2].

Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta' huwa l-artikolu 637 li jistipula li 'id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta') titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ...'.

In oltre' kif gie ritenut mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs. Joseph Thorne[3],

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

[2] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata s-6.11.2002; Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16.3.2001; Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9.11.2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24.9.2004.

[3] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joe Galea

**'..mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skont il- kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.**

Stabbiliti dawn ir-regoli ta' dritt li jirregolaw il-mod kif il-qorti ghandha tasal ghad-decizjoni taghha fuq apprezzament tal-atti probatorji, din il-Qorti ezaminat mill-gdid l-provi minn fejn irrizultalha illi fil-25 ta' Ottubru 2014 is-surgent 583 Evan Grech ġie msejjaħ fi Triq il-Bizantini, Qrendi u dan wara rapport li sarlu dwar sewwieq ta' vettura li allegatament saq għal fuq vettura oħra ipparkeggjata. Meta mar fuq il-post sab żewġ vetturi u cioe' Volkswagen Golf Blue bin-numru KBE774 reġistrata fuq Maria Briffa u Mitsubishi L200 ħamra bin-numru ta' reġistrazzjoni EBC781 reġistrata fuq l-appellant Duminku Cassar, li kienu ftit 'il bogħod minn xulxin. PS583 tkellem mal-partijiet kif ukoll ma Mario Scicluna li kien fuq il-post meta seħħ l-akkadut u li huwa l-għarus ta' Maria Briffa fejn skont il-verżjoni ta' dawn it-tnejn minn nies, huma kienu qedgħin jaħslu l-vettura ta' Scicluna filwaqt li l-vettura ta' Briffa kienet ipparkjata faċċata. F'hin minnhom wasal l-appellant bil-vettura tiegħu fejn ġie nnutat jirriversja u jolqot il-vettura ta' Briffa b'ċerta saħħa. Skont dak irrapurtat minnhom, u sussegwentement ikkonfermat quddiem l-Ewwel Qorti, huma bdew jgħajjtu sabiex jattirawlu l-attenzjoni biex jieqaf iżda Cassar reġa' ghamel l-istess manuvra u habat fil-vettura ta' Maria Briffa bejn tlieta u ħames darbiet. Briffa ppruvat timmitiga din il-hsara billi daħlet fil-karrozza tagħha u niżlet il-*handbreak*, izda xorta waħda l-appellant ikkaġunalha ħsarat fil-*bumper* ta' quddiem fuq in-naħa tal-lemin tal-vettura. Il-parti leza tressaq provi li jindikaw li l-valur tal-hsarat kien ilahhaq l-ammont ta' €59.

L-appellant min-naha tieghu jichad li laqat il-vettura tal-parti leża meta kien qed jipprova jipparkeggja u li ma ikkaguna l-ebda ħsarat. Jikkontendi li kienet l-parti leza Maria Briffa li bdiet tghajjru bil-familja tiegħu u ighid li wara l-incident huwa hassu mhedded mill-familja taghha. Hu insista li l-ħsarat riskontrati fil-vettura

Debono.

tiegħu ġew ikkaġunati ħafna zmien qabel dan is-sinistru u *di piu* stqarr li meta ġie s-surġent Grech fuq il-post hu ma kienx innota ħsarat fuq il-vettura ta' Briffa ghalkemm l-affidavit tas-Surġent jindika mod ieħor.

Apprezzati mill-gdid l-atti probatorji kif hawn fuq imfissra ghandu johrog il-korroborazzjoni tal-verzjoni moghtija  mill-parti leza Briffa u l-għarus tagħha Mario Scicluna li kienu fuq il-post meta seħħ l-akkadut u li raw *ictu oculi* dak li seħħ.  Abbinat mal-verzjoni tal-fatti kif moghtija minn dawn iz-zewg xhieda hemm dak mistqarr mis-surġent Evan Grech li ghamel l-investigazzjonijiet fuq l-incident u allura indika mhux biss id-data meta gie irrappurtat lilu dan is-sinistru izda ukoll ikkonferma l-vetturi involuti fl-incident u l-hsarat riskontrati fl-istess.[4] Dawn id-dettalji huma msaħħa fl-affidavit ta' PS583 li jikkonferma d-data u l-ħin tar-rapport  liema data tinsab ukoll ikkonfermata fil-kontenut tal-*pendrive* eżebita in atti li turi filmat tal-akkadut u li tindika l-ħin u d-data tal-filmat, liema data tikkombaċja ma' dak indikat fl-affidavit.  Konsegwentement l-Ewwel Qorti kellha biżżejjed provi sabiex tistabbilixxi d-data tal-inċident u l-fatt li l-parti leża u Scicluna ma ddikjarawx id-data bi preċiżjoni ma tiskossa bl-ebda mod il-validita' tal-akkuża mressqa.

Illi rigward l-aggravju marbut mal-prova  dwar il-ħsarat, dawn ġew iddikjarati kemm minn PS583 kif ukoll minn Maria Briffa fejn jidher li l-Ewwel Qorti fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi ghazlet li temmen il-verżjoni moghtija minn Briffa u Scicluna liema verzjoni hija imsahha bil-filmat esebiet.  Huwa evidenti li ghalkemm Briffa kienet qed tipprova tigbed l-attenzjoni tal-appellant li kien ser jolqot il-vettura taghha, dan ddeċieda ma jagħtix każ dak li kien qed jintqal lilu fejn ipprosegwa billi jkompli jolqot il-vettura ta' Briffa filwaqt li kien qed jimmanuvra biex jipparkja l-vettura tiegħu quddiem tagħha u dan indipendentement mill-fatt li kien hemm biżżejjed spazju sabiex jimmanuvra mingħajr il-ħtieġa li jolqotha.  Dan iwassal lil din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti qabilha tikkonludi illi l-manuvra maghmula mill-appellant kienet wahda voluta.

---

[4] Folio 15 u 16 tal-atti proċesswali.

In oltre' din il-Qorti lanqas ma tista' taqbel ma' dak li jikkontendi l-appellant illi il-hsarat fuq il-vettura tieghu ma humiex kompatibbli ma' dawk rapportati fil-vettura tal-parti leza billi l-ghamla tal-*bumper* tal-vettura tieghu li hu tal-hadid mhux neċessarjament iwassal ghal xi hsarat *ictu oculi* fuqu. L-opinjoni tas-surgent tal-pulizija fir-rigward tan-natura tal-hsarat ikkaggjonati li fil-fehma tieghu jindikaw impatt wiehed ma ghandu jinghata ebda piz billi x-xhud mhuwiex espert nominat mill-Qorti fir-rigward u allura huwa kompetenti biss biex jixhed fuq il-fatti tal-kaz u xejn izjed. Kwindi anke dan l-aggravju qed jigi michud.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

Edwina Grima

Imhallef